# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-100 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 6 t'April 2011 fil-5:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***L-Agent S.E. informa li l-Kunsillier P. Fenech infurmah permezz ta' email li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha minhabba ragunijiet familjari. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala wahda valida u ghalhekk il-Kunsillier Fenech gie meqjus bhala skuzat ghal-laqgha.***

**100/01 Talba**

**100/01/01** Il-laqgha bdiet fil-5.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**100/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 99**

**100/02/01** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill nru 99. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**100/03 Punti mtella' mill-minuti**

**100/03/01** ***Para 99/03/01 – Xoghlijiet fi Triq San Gwann***: Is-Sindku nforma li l-*markings* li kienu gew approvati fl-ahhar laqgha kienu saru bl-eccezzjoni tas-*central dotted line* li ma sarx ghax skond il-Koptasin it-triq ma kienitx wiesgha bizzejjed. Huwa qal ukoll li kien ircieva talba sabiex isir *yellow bay* quddiem entratura ghal ghalqa/barriera ftit il-fuq mill-ahhar residenza int u hiereg mir-rahal kif ukoll diversi talbiet sabiex fuq l-istess naha tat-triq jitnehha l-*white line* u jsiru aktar *parking bays* fejn il-wisa tat-triq tippermetti. Dan kollu gie unanimament approvat u li l-*markings* ser jsiru mill-Koptasin.

**100/03/02** ***Para 99/03/02 – Xoghlijiet taht l-iskema PPP***: L-Agent S.E. informa li konna rcivejna l-kontijiet tal-ahhar toroq minghand il-perit pero dawn kienu ghadhom iridu jigu iccekkjati. Huwa qal ukoll li t-testijiet, *core-cuts* etc. tal-istess toroq kienu ghadhom ma sarux. Hu kien ser ikompli jsegwi mal-*Contract Manager.*

L-Agent S.E. informa ukoll li l-MEPA kienu nfurmnawh li kienu ghadhom iridu jaghmlu *s-site inspection* dwar l-ilment ta' bini fuq art pubblika fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

Rigward il-*crash barrier* l-Agent S.E. ser ikompli isegwi ma TM. Rigward il-konkos

fi Triq tal-Ferha kien inharget *Works Order* lid-Dipt tad-Distretti.

**100/03/03** ***Para 99/03/03 – Bozza moghttija bis-Sigar***: L-Agent S.E. informa li konna ghadna ma rcivejniex risposta minghand l-Enemalta u li s-sid kien rega ikkonferma li huwa kien lest li jtawwal l-*arm* tal-bozza huwa stess. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li tinhareg *Works Order* lil-kuntrattur sabiex jaqla l-bozza u jhalliha ghand is-sid sabiex jaghmillha l-modifikazzjoni li hemm bzonn u wara terga tehel fl-istess post.

**100/03/04** ***Para 99/03/04 – Hmieg tal-Hamiem***: L-Agent S.E. informa li s-sid kien gabar is-*sample* minn ghandna pero kien ghadu qed jistenna risposta minghand l-Enemalta sabiex jara jekk setghax isir ix-xoghol imsemmi. Fic-cirkostanzi l-Agent S.E. intalab sabiex jintervjeni bejn iz-zewg partijiet sabiex din il-problema tissolva minghajr aktar dewmien.

**100/03/05** ***Para 99/03/05 – Restawr Pittura***: Giet ipprezentata l-kwotazzjoni minghand *Davies Design Group* ghas-somma ta' € 60 + VAT. Il-Kunsill qabel unanimament li jaccetta din il-kwotazzjoni u l-Agent S.E. ser jiehu hsieb li johrog il-*Works Order*.

**100/03/06** ***Para 99/03/06 – Festival tal-Halib 2011***: Il-Kunsill innota li din l-attivita' kienet success ferm aktar milli stennejna. Is-Sindku qal li n-nuqqas ta' *parking* holoq xi problemi tat-traffiku u li hemm bzonn li tinstab soluzzjoni specjalment ghal meta ikollna attivitajiet tal-massa. F'dan ir-rigward gie unanimament deciz li inkellmu lis-sid ta' ghalqa fi Triq Naxxar halli naraw ikunx lest li jiftah l-ghalqa tieghu ghall-*parking*. Gie deciz ukoll li s-sena d-diehla l-attivita' tinfirex izjed fi Triq l-Oratorju, Triq 31 ta' Marzu u Triq San Bartilmew halli b'hekk jinholoq aktar spazju.

**100/03/07** ***Para 99/03/07 – Laqgha Gharghur FC***: Is-Sindku nforma li kienu ghaddejjin negozjati sabiex il-Kunsill Lokali jaghmel *PPP agreement* mal-Gharghur FC. Huwa qal li hemm il-possibilita' li l-Kunsill jikseb ghajnuna halli jkun jista jidhol f'dan il-PPP li hu important hafna ghall-lokalita' peress li jahseb li titwaqqaf *Youth Nursery* skond kif dejjem xtaq il-Kunsill Lokali. Dan kollu gie unanimament approvat mill-Kunsill u aktar dettalji ser jinghataw fil-laqgha li jmiss. Sadanittant is-Sindku gie awtorizzat sabiex ikompli jinnegozzja f'isem il-Kunsill Lokali.

**100/03/08** ***Para 99/03/08 – Huggiega ta' San Gwann***: Il-Kunsillier A. Muscat informa li kien ghadu qed jistenna aktar dettalji pero minn laqgha li saret sa issa, jidher li hemm cans tajjeb li din l-attivita' terga tigi organizzata din is-sena u li tkun bi spiza inqas ghall-Kunsill.

**100/03/09** ***Para 99/03/09 – Mother & Baby***: L-Agent S.E. informa li aktar kmieni llum kienet saret laqgha *li ghaliha attendew il-Kunsillier A. Muscat u l-Ufficjal Ezekuttiv M. Azzopardi*** ma' ufficcjali mill-Moviment ta' Kana li wara li raw is-Sala tal-Kunsill, infurmawna li l-post mhux addattat ghall-iskop imsemmi. Fic-cirkostanzi kien gie ssuggerit li ssir laqgha mal-Kappillan sabiex tigi esplorata l-possibilita' li dan il-*Club* jitwaqqaf mal-Parrocca u jsir fic-centru pastorali jew fis-sala parrokkjali.

**100/03/10** ***Para 99/03/10 – General Fitness Classes***: Il-Vici Sindku informa li huwa kien lahaq

ftehim ma' Bertu's Gym sabiex dawn is-sessjonijiet ta' tahrig isiru hemmhekk u qal li dawn ghandhom jibdew lejn l-ahhar tax-xahar. Aktar tard din il-gimgha ghadhom jinhargu l-*posters* kif ukoll *flyers* sabiex jinghataw lit-tfal tal-iskola.

100/03/11 ***Para 99/03/13 – Laqgha Perit dwar il-Bini tal-Kunsill*** : L-Agent S.E. informa li din il-laqgha ghandha ser ssir fil-granet li gejjin.

100/03/12 ***Para 99/03/16 – Xelter fi Triq Ferdinand***: Is-Sindku nforma li waqt zjara li saret fuq il-post flimkien mal-Onor. Ministru Pullicino, gie deciz li x-xoghol jitkompla halli jitlesta kemm jista jkun malajr. L-Agent S.E. informa li l-Kunsillier M. Mifsud ma kienx gab kwotazzjoni sabiex issir bieba ghall-entratura kif gie deciz fl-ahhar laqgha. Fic-cirkustanzi l-Kunsill unanimament iddecieda li nkomplu nsegwu l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet mas-Sur Borda li huwa ufficcjal fi hdan l-MRRA skond il-pjani originali.

100/03/13 ***Para 99/03/17 – Bye-Laws Ghar San Brinkat***: L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid jerga jkellem lill-avukat li ser jiehu hsieb jikteb din il-*Bye Laws*.

100/03/14 ***Para 99/05/04 – Bankina fi Triq Indipendenza*** : L-Agent S.E. informa li huwa kien investiga dan l-ilment u ma sab xejn fil-post li jista jkun ta' periklu ghal min jaghmel uzu mill-istess bankina. Fic-cirkostanzi l-Kunsill iddikjara dan l-ilment maghluq.

100/03/15 ***Para 99/05/07 – Bandiera f'nofs Roundabout :*** L-Agent S.E. informa li dwar din it-talba konna ktibna lil Transport Malta u lil ELC.

**100/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

100/04/01 L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

100/04/02 Giet approvata l-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Marzu 2011 li kienet intbghatet lill-membri flimkien ma' l-Agenda.

**100/05 Ilmenti u Suggerimenti**

100/05/01 Ilment dwar *plot* abbandunata fi Triq San Gwann peress li m'ghandiex *boundary wall* skont il-ligi u xi granet ilu tifel zghir kien ser jaqa f'dan il-*plot*.

L-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lis-sid li kienet argumentat li kien il-Gvern Centrali li kellu jibni l-hajt. Il-Kunsill kompla jinsisti li s-sid hija responsabbli mill-bini tal-hajt u li ghalhekk ghandha tara li dan jittella kemm jista jkun malajr. Sadanittant il-Kunsill ghandu jinforma lill-Pulizija u lill-MEPA dwar din l-*issue*.

100/05/02 Talba minghand resident sabiex *traffic calming measures* li kienu saru fi Triq Santa Katerina xi zmien ilu jigu rilokati peress li skont hu fejn qed jikkawzaw hsara lil-vetturi kbar u tqal.

Gie unanimament deciz li jekk huwa possibbli, it-*traffic hump* ghandha tigu rilokata.

**100/05/03** Talba sabiex issir mera gdida fi Triq Caravaggio wara li dik li kien hemm qabel tqacctet bir-rih qawwi li kien hemm dan l-ahhar.

Din it-talba giet milqugha u gie unanimament deciz li l-mera tinxtara minghand Uniking Intl.

**100/05/04** Talba sabiex *culvert* li hemm fil-genb ta' Triq il-Gnien (l-isfel mill-Palazz tal-Kmand) jintradam sabiex jigu evitati xi ncidenti fejn vetturi jaqghu fih.

Gie unanimament deciz li din it-talba ghandha tigi nvestigata qabel tittiehed decizjoni finali.

**100/05/05** Talba sabiex isir *Reserved Parking* temporanju ghal vettura partikolari fil-Pjazza tad-Dejma.

L-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lit-TM dwar il-kaz u dawn infurmawh bil-miktub li dan ma setghax isir. Fic-cirkostanzi l-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba.

**100/05/06** Talba sabiex isir *patching* ta' diversi hofor fil-parti t'isfel ta' Triq Caravaggio.

Din it-talba giet unanimament milqugha u gie deciz li x-xoghol isir mid-Dipt. Tad-Distretti.

**100/05/07** Talba ghal bozza gdida fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

Ingibdet l-attenzjoni ta' dawk prezenti li din it-talba kienet diga tressqet xi zmien ilu u li l-Enemalta ma kienitx approvat din il-bozza. Gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar.

**100/06 Korrispondenza**

**100/06/01** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li ghandna nikkonfermaw li kienet saret oggezzjoni ghall-applikazzjoni 5462/09 minhabba li qieghda barra miz-zona tal-bini

**100/06/02** Korrispondenza minghand TM tinfurmana li t-talba taghna sabiex jigi pprojbit li vetturi kbar jghaddu minn fuq il-pont li jaqsam Wied id-Dis.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li jigu ordnati t-tabelli malli jkollna aktar dettalji.

**100/06/03** Korrispondenza minghand it-TCTC dwar korsijiet tal-kompjuter eTfal.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsill unanimament iddecieda li ma jippartecipax.

**100/06/04** Korrispondenza minghand il-*Malta Library & Information Association* dwar shubija fl-ghaqda ghal-librara.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li din il-korrispondenza tinghata liz-zewg librara.

**100/06/05** Korrispondenza minghand il-MEUSAC dwar l-*IEE Programme*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**100/06/06** Korrispondenza minghand Paragon Europe sabiex li l-Kunsill taghna jissieheb fil-Patt tal-Gzejjer. Dan sabiex tinkiseb l-ghajnuna halli jkunu jistghu jigi implimentati r-rakkomandazzjonijiet identifikati fil-Patt tas-Sindki halli jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-*Carbon Dioxide*.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament approvat li l-Kunsill jissieheb fil-Patt tal-Gzejjer u li s-Sindku imur Brussell halli jiffirma f'isem il-Kunsill. L-ispejjez kollha ser ikunu koperti mill-programm stess u ghalhekk il-Kunsill mhux ser johrog ebda fondi.

**100/06/07** Korrispondenza mid-Dipt. Ghall-Gvern Lokali fejn gejna nfurmati li kien sar tnaqqis ta' € 236 mit-2 *tranche* tal-allokazzjoni annwali bhala penali tal-fatt li l-Kunsill hallas ghat-trasport tat-tfal mill-lokalita' sabiex imorru San Pawl il-Bahar jitghallmu jghumu ghand-Sirens AC.

Din il-korrispondenza giet innotata.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:35 pm***

**100/07 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**100/07/01** Is-Sindku nforma li kien ircieva talba mill-grupp muzikali Kultural tar-rahal sabiex fl-14 ta' Mejju, Gnien il-Paci jintuza sabiex fih isir il-*launching* tal-ewwel CD taghhom. Huwa qal li l-Kunsill intalab sabiex dak in-nhar il-post jinzamm maghluq minn fil-ghodu sabiex il-post jigi armat ghall-okkazjoni kif ukoll sabiex il-Kunsill jipprovdi numru ta' recipjenti ghall-iskart u jzomm il-latrina pubblika miftuha sal-11:00 pm.

Il-Kunsill laqgha din it-talba bil-kundizzjoni li l-grupp jiehu hsieb it-tindif tal-post kif ukoll li bhala kumpens dan l-grupp idoqq minghajr hlas waqt l-attivita' li tittella mill-Kunsill fl-okkazjoni ta' Jum il-Gharghur. Il-permess tal-Kunsill ghandu jinhareg wara li jkun hareg il-permess tal-Pulizija.

**100/07/02** Gew ipprezentati l-kwotazzjonijiet ghax-xiri ta' *Bushcutter* gdid peress li dak prezenti ghandu hsara kbira. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' Bonnici Bros ghall-prezz ta' € 441.96

**100/07/03** Is-Sindku informa li l-haddiema klerikali tal-Kunsill kienu urew titjib fil-*performance* taghhom f'dawn l-ahhar xhur u fic-cirkostanzi kien qed jirrakkomanda li l-1% mill-*Performance Bonus* approvat li kellu jithallas f'Gunju 2011, jithallas issa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**100/07/04** Gie unanimament deciz li l-Kunsill ikellem lil Galea Curmi Cons. sabiex naraw jistghux jiehdu hsieb il-process tax-xiri u twahhil tal-pannelli fotovoltajici ghal Gnien il-Paci wara li l-Kunsill kien ircieva s-somma ta' € 7,600 mill-Gvern Centrali ghal dan il-ghan. L-Agent S.E. ghandu jipprocedi kemm jista jkun malajr bis-sejha ghall-offerti.

**100/07/05** Gie unanimament deciz li l-Kunsill johrog *invoice* lis-sid tal-*plot* fi Triq Emm Perren kantuniera ma Triq Excelsior peress li dan naqas (wara diversi avvizi) li jigi l-Kunsill u jaghmel permess ghall-*boundary wall* li bena fuq art pubblika kif ukoll kien kisser parti mill-bankina u ostakola l-access.

**100/07/06** Gie unanimament deciz li l-Kunsill isewwi l-hsara fil-kompjuter tal-Agent S.E. kif ukoll li jinxtraw *External HD* sabiex jibda jsir *back-up* regolari tad-data tal-Kunsill.

**100/07/07** Il-Kunsill unanimament approva dokument imhejji mis-Sindku li jelenka kif l-i*staff* tal-Kunsill ghandhom jittrattaw b'mod aktar efficcjenti u strutturat l-ilmenti tar-residenti.

**100/07/08** Peress li din kienet l-ahhar laqgha tal-Kunsill qabel il-festi tal-Ghid, is-Sindku f'isem il-Kunsill u l-istaff xtaq l-Ghid it-tajjeb lir-residenti.

**100/08** **Aggornament**

**100/08/01** Il-laqgha giet aggornata fis-7:05 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar l-Erbgha 27 ta' April 2011 fis-6:00 p.m.

** Emendati waqt il-laqgha li nzammet fis-27 ta' April 2010

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **27 ta' April 2011** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |